# ILKOLL GHAL HEMM

*Ta'* Lino Bonnici Farrugia

*Lil ħabibi Ġorġ Zammit Maempel.*

Doqqu l-qniepen, iftħu l-qabar,
Niżżlu qajl dan it-tebut...
Waqqfu l-qniepen, agħlqu l-qabar,
Id-deffien ukoll imut.

Il-lum ħija difen lili,
Għada n-nies għad tidfen lilu;
Ilkoll wieħed wara l-ieħor
Ġewwa l-ħofra ninżlu rridu.

Kos din ħelwa li kull għani
Dejjem rieqed fuq ir-rix,
Għad xi għodwa jsib ruħu
Qalb id-dud, fuq ftit ħaxix!

U msejkna dik l-artista
B'daka wiċċha ta' qawsalla,
Tgħid tingħaraf fil-ġudizzju
Meta tidher quddiem Alla?

U kif qalbi nħoss tingħasar
X'ħin niftakar f'dak ix-xħiħ;
Tgħid ġo qabru jibqa' jhewden
Xi ħalliel se jħebb għalih?

Dik it-tfajla li f'żogħżitha
Kienet tgħid li r-Re kien riedha;
Tgħid mit-tieqa tibqa' sseksek
Tat-tebut fejn hi tkun rieqda?

U l-poëta li kien jaħlef
Illi huwa immortali;
Tgħid ġo qabru qiegħed jikteb
Kif inqasmet qalbu bl-għali?

U ż-żagħżugħ student tax-xjenza
Qal li jgħajjex l-mejtin...
Li tas-sew dana kien minnu
Kieku irxoxta sa dal-ħin!!!

U jaħasra t-tarbija
Illi mietet fil-fisqija,
Min jaf hi kemm se trodd s!aleb
Tisma' l-qerq tan-nies faħxija!

...Imma l-bniedem wisq hu dgħajjef,
Ma jafx jgħid ħlief ħmerijiet;
Aħjar nieqaf, ma ngħidx iżjed,
Għax se ngħid l-ereżijiet!!!